31995R1325

13.6.1995 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 128/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1325/95
tas-6 ta' Ġunju 1995
li jemenda r-Regolament (KE) Nru 517/94 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi mhux membri mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew minn regoli oħra speċifiċi ta' importazzjoni tal-Komunità

Il-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi mhux membri mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew b'regoli speċifiċi oħra għall-importazzjoni tal-Komunità [1] introduċew ċerti kwoti kwantitattivi, imniżżla fl-Annessi III B, IV, V u VI tar-Regolament, applikabbli għall-pajjiżi mniżżla f'dawk l-annessi;

Billi, skond l-Artikolu 2 ta' l-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet għall-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u l-aġġustament għat-Trattat li fuqu hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, minn issa 'l quddiem msejjaħ bħala "Att ta' Adeżjoni", ir-Regolament (KE) Nru 517/94 u b'mod partikolari kwoti ffissati fih huma applikabbli għall-pajjiżi li jkunu se jissieħbu; billi, madankollu, skond l-Artikolu 30 ta' l-Att ta' Adeżjoni huwa meħtieġ li wieħed jadatta l-kwoti msemmija skond il-linji ta' gwida mniżżla fl-Anness II ta' l-Att ta' Adeżjoni u skond il-kondizzjoniiet ipprovduti fl-Artikolu 169 ta' l-istess Att;

Billi l-Kunsill, waqt li jistabbilixxi l-livell tal-kwoti msemmija hawn fuq, jagħmel li jista' biex jilħaq bilanċ bejn protezzjoni adegwata tal-industriji konċernati tal-Komunità u l-ħtieġa li jżomm ix-xejra tradizzjonali tal-kummerċ mal-pajjiżi konċernati, filwaqt li jżomm preżenti l-interessi tal-partijiet konċernati;

Billi, bil-ħsieb ta' adeżjoni, dan il-bilanċ għandu jinżamm billi jiġi assigurat madankollu, fid-dawl tal-linji ta' gwida imniżżla fl-Anness II ta' l-Att ta' Adeżjoni, il-kontinwità tax-xejra tradizzjonali tal-kummerċ tal-pajjiżi li se jissieħbu, għall-prodotti konċernati; billi, għal dan il-għan, importazzjoni rreġistrata fis-sena 1993 - l-aktar sena reċenti li għaliha huma disponibbli reġistri sħaħ ta' statistika - jistgħu jitqiesu li huma rappreżentattivi tax-xejra tradizzjonali tal-kummerċ;

Billi fiċ-ċirkostanzi, il-livelli ta' kwoti stabbiliti fuq bażi annwali skond ir-Regolament (KE) Nru 517/94 għandu jiġi aġġustat bl-addizzjoni tal-kwantitajiet, li huma ekwivalenti għar-rekord ta' importazzjoni fl-1993;

Billi fid-19 ta' Jannar 1995 il-Kummissjoni ffirmat ftehim dwar kummerċ ta' prodotti tat-tessuti mhux kopert mill-Ftehim bilaterali tal-MFA;

Billi, għaldaqstant, mill-1 ta' Jannar 1995, il-kwoti kwantitattivi li ġew fis-seħħ bir-Regolament (KE) No 517/94 fl-Anness III B, IV, V u VI tiegħu għandhom jiġu emendati kif muri fl-Anness ta' dan ir-regolament,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi III B, IV, V u VI tar-Regolament (KE) Nru 517/94 għandhom jinbidlu b'dawk li jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Jibda jgħodd mill-1 ta' Jannar 1995.

[1] ĠU Nru L 67, 10. 3. 1994, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat b' Regolament (KE) Nru 2798/94 (OJ Nru L 297, 18. 11. 1994, p. 6).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament għall-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-6 ta' Ġunju 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARNIER

ANNESS

"ANNESS III B

Limiti kwantitattivi annwali tal-Komunità msemmijja fl-Artikolu 2(1) ir-raba' inċiż

Repubbliki tal-Bosnja-Herzegovina, Kroazja u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Kategorija	Unit	Kwantità
1	Tunnellata	6 926,0
2	Tunnellata	8 545,0
2a	Tunnellata	1 931,0
3	Tunnellata	935,0
5	1 000 biċċa	1 986,0
6	1 000 biċċa	1 048,0
7	1 000 biċċa	602,0
8	1 000 biċċa	2 667,0
9	Tunnellata	877,0
15	1 000 biċċa	772,0
16	1 000 biċċa	575.0
67	1 000 biċċa	722.0

ANNESS IV

Limiti kwantitattivi annwali tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 3(1)

(id-deskrizzjonijiet tal-prodott tal-kategoriji mniżżla f'dan l-Anness jinsabu fl-Anness I A ta' dan ir-Regolament)

IL-KOREA TA'FUQ

Kategorija	Unit	Kwantità
1	Tunnellata	128,0
2	Tunnellata	145,0
3	Tunnellata	49,0
4	1 000 biċċa	285,0
5	1 000 biċċa	123,0
6	1 000 biċċa	144,0
7	1 000 biċċa	93,0
8	1 000 biċċa	201,0
9	Tunnellata	71,0
12	1 000 par	1 290,0
13	1 000 biċċa	1 509,0
14	1 000 biċċa	96,0
15	1 000 biċċa	108,0
16	1 000 biċċa	55,0
17	1 000 biċċa	38,0
18	Tunnellata	61,0
19	1 000 biċċa	411,0
20	Tunnellata	142,0
21	1 000 biċċa	2 961,0
24	1 000 biċċa	263,0
26	1 000 biċċa	173,0
27	1 000 biċċa	179,0
28	1 000 biċċa	285,0
29	1 000 biċċa	75,0
31	1 000 biċċa	293,0
36	1 000 biċċa	91,0
37	1 000 biċċa	356,0
39	1 000 biċċa	51,0
59	1 000 biċċa	466,0
61	1 000 biċċa	40,0
68	1 000 biċċa	75,0
69	1 000 biċċa	184,0
70	1 000 biċċa	270,0
73	1 000 biċċa	93,0
74	1 000 biċċa	133,0
75	1 000 biċċa	39,0
76	Tunnellata	75,0
77	Tunnellata	9,0
78	Tunnellata	115,0
83	Tunnellata	34,0
117	Tunnellata	51,0
118	Tunnellata	23,0
142	Tunnellata	10,0
151 A	1 000 biċċa	10,0
151 B	Tunnellata	10,0
161	Tunnellata	152,0

ANNESS V

imsemmi fl-Artikolu 3(3)

(Id-deskrizzjonijiet tal-prodott tal-kategoriji mniżżla f'dan l-Anness jinsabu fl-Anness I A ta' dan ir-Regolament)

KOREA TA' FUQ

Kategoriji: 10, 22, 23, 32, 33, 34, 35, 38, 40, 41, 42, 49, 50, 53, 54, 55, 58, 62, 63, 65, 66, 67, 72, 84, 85, 86, 87, 88, 90, 91, 93, 97, 99, 100, 101, 109, 111, 112, 113, 114, 120, 121, 122, 123, 124, 130, 133, 134, 135, 136, 137, 138, 140, 141, 145, 146 A, 146 B, 146 C, 149, 150, 153, 156, 157, 159, 160.

ANNESS VI

Proċessar ta' kummerċ għal barra

Limiti annwali tal-Komunità kif imfissra fl-Artikolu 4

Repubbliki tal-Bosnja-Herzegovina, Kroazja u ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Kategorija	Unit	Kwantità
5	1 000 biċċa	3,692
6	1 000 biċċa	10,755
7	1 000 biċċa	5,496
8	1 000 biċċa	12,888
15	1 000 biċċa	5,743
16	1 000 biċċa	3,182"